**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 25 ta' Mejju, 2016**

**Mandat Nru: 263/2016 AF**

**Av Jean-Pie Gauci-Maistre bhala mandatarju specjali tas-socjetà estera Vroon Containers B.V., socjetà registrata l-Olanda, b'indirizz ufficjali Haven Westzijde 21, 4511 AR, Breskens, Olanda**

**vs**

**L-Avukat Noel Cutajar LL.D u l-PL Louisa Tufigno li b'digriet tal-5 ta' April 2016 gew mahtura Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw is-socjetà estera Marsoft International AS, socjetà registrata gewwa n-Norvegja, b'indirizz ufficjali gewwa Inkognitogata 33A, 0256 Oslo, Norway**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-Av Jean-Pie Gauci-Maistre bhala mandatarju specjali tas-socjetà estera Vroon Containers B.V., socjetà registrata l-Olanda, b'indirizz ufficjali Haven Westzijde 21, 4511 AR, Breskens, Olanda, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih premessi, intalbet din il-Qorti zzomm lis-socjetà intimata milli:

(1) B'kwalunkwe mod tbiegh, titrasferixxi, tassenja jew tiddisponi, sew b'titolu oneruz jew gratuwitu jew b'xi mod taggrava jew taghti xi rahan, privilegg, dritt jew piz iehor fuq l-ishma fis-socjetà BaltixMax Holding Company Limited (C70765); u

(2) Tezercita xi dritt ta' vot jew kwalunkwe dritt iehor naxxenti mill-ishma tas-socjetà msemmija BaltixMax Holding Company Limited (C70765) skond il-ligi u skond l-istatuti tal-istess kumpanija inkluz izda mhux limitat ghad-dritt li jissejhu laqghat tal-azzjonisti tal-kumpanija, id-dritt li jittiehdu risoluzzjonijiet tal-azzjonisti tal-kumpanija, id-dritt li jigu mnehhija jew appuntati diretturi tal-kumpanija; id-dritt li l-kumpanija titqieghed fi proceduri ta' xoljiment jew stralc; id-dritt li jinbidlu l-istatuti tal-kumpanija jew kwalunkwe dritt iehor li jista' jigi ezercitat minn azzjonisti tal-kumpanija; u dan ghar-ragunijiet segwenti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet taghha precedenti.

Rat id-digriet tal-Qorti diversament presjeduta li permezz tieghu gew mahtura l-Avukat Noel Cutajar u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno biex jirrapprezentaw lil Marsoft International AS.

Rat ir-risposta tal-kuraturi datata 27 ta' April 2016.

Rat ir-risposta ulterjuri tal-istess kuraturi datata 10 ta' Mejju 2016 li ghar-ragunijiet fiha mfissra, talbu li din il-Qorti tichad it-talba fir-rikors promotur.

Rat id-dokumenti.

Innotat illi ma tirrizultax mill-atti d-data meta effettivament gew notifikati l-kuraturi intimati, stante li ma gie qatt infilzat in atti il-"blue folder" bir-riferta relattiva. Madanakollu, in vista ta' dan in-nuqqas il-Qorti tirreferi ghall-verbal tas-seduta tal-24 ta' Mejju 2016 fejn il-partijiet qablu li l-avukat kuratur gie notifikat fil-25 ta' April 2016. Il-Qorti baqghet ma kellha ebda

informazzjoni dwar meta giet notifikata l-prokuratur legali Louisa Tufigno.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet in camera.

Rat illi permezz tal-verbal tal-fuq citata seduta tal-24 ta' Mejju 2016, it-tieni talba tar-rikors promotur giet irtirata. Jibqa' ghalhekk ghal din il-Qorti tiddeciedi dwar l-ewwel talba ta' Vroon Containers BV u cioè dik sabiex tinzamm Marsoft milli tbiegh l-ishma taghha fis-socjetà BaltiMax Holding Company. Doveruz ghall-Qorti tenfasizza f'dan l-istadju illi kull ezami li taghmel jibqa' limitat ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn b'dana illi jibqa' rizervat l-iskrutinju tal-mertu ghal dik il-Qorti li tigi eventwalment adita mill-kawza.

Dan premess, il-Qorti tikkonsidra illi l-Art. 873 (1) u (2) tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

> *"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*
>
> *(2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

L-insenjament ta' dawn il-Qrati fir-rigward gie effettivament kristalizzat fis-sentenza Mugliette vs Bonnici (Prim'Awla 25 ta' Jannar 2005) li ghaliha din il-Qorti taghmel pjena referenza.

Fil-kaz odjern jirrizulta inkontestat illi l-memorandum and articles of association tas-socjetà BaltiMax Holding Company Limited jipprovdu s-segwenti garanziji:

> *"If any or all the shares on offer are not acquired in the manner prescribed in the foregoing clauses the transferring member shall be entitled to sell the remaining shares to*

*the person named in the transfer notice at a price that is not less than their fair value determined as aforesaid:*

*Provided that the Board of Directors may decline without assigning any reason to register the transfer of a share to a person, not being a member of the Company, of whom they do not approve."*

Inoltre Art. 60 jipprovdi illi:

*"Any of the following actions shall require the endorsement of at least two-thirds (2/3) majority of the members of the Board of Directors:*

*i. The payment of dividends to the owners of Common Stock;*

*ii. Any increase or reduction in the authorized or issued share capital of the Company;*

*iii. Acceptance of new shareholders;*

*iv. The entry into of technical, financial and commercial agreements for the management of the vessels belonging to the Company;*

*v. The sale of the vessels belonging to the Company;*

*vi. The acquisition of additional vessels;*

*vii. Any amendment of the Articles of Association of the Company;*

*viii. The liquidation of the Company;*

*ix. Borrowing money (with or without security) except under short-term borrowing facilities necessary in the ordinary course of day-to-day trading operations;*

*x. Lending any money or acquiring any securities;*

*xi. The commencement of any new business or the abandonment of any existing business; and*

*xii. The formation of, or entry into, any partnership or joint venture."*

Inoltre, il-Qorti kkunsidrat ukoll il-protezzjoni tas-socjetà rikorrenti odjerna digà giet pjenament konsidrata mill-Qorti diversament presjeduta fid-digriet taghha tad-19 ta' April 2016 fejn irriteniet illi:

*"Ikkonsidrat li d-difensur tas-socjetà intimata ssottometta li tali htiega ma tirrizultax billi l-kreditur Vroon huwa f'posizzjoni li jizgura li jwaqqaf u jikkontrolla kull decizjoni tal-istess socjetà intimata rigwardanti l-jeddijiet fuq l-ishma mertu ta' dan il-mandat. Tali decizjonijiet ma jistghux jittiehdu minn wiehed biss mill-azzjonisti. Wiehed jifhem ukoll li qabel ma tghaddi ghall-bejgh, rahan jew ghall-kostituzzjoni ta' xi piz fuq l-ishma taghha, l-istess socjetà ikollha tottjeni rizoluzzjoni f'dan is-sens skont l-istatut taghha, u dan ikun jinvolvi l-azzjonisti li ghandhom l-istess attiv u voting rights fis-socjetà kif ukoll id-direttur li jirraprezenta l-interessi tal-kreditur, ir-rikorrent odjern fl-imsemmi kumpannija.*

*Illi in fatti s-socjetà rikorrenti ma gabet l-ebda argument siwi li tista' ixxejjen l-argument li hija gja ghandha l-aktar mezzi efficjenti a disposizzjoni taghha biex tixxejjen kull tentattiv ghat-trasferiment jew anke ghall-izvalutazzjoni tal-ishma jekk mhux bil-kunsens dirett u espress taghha. Hija azzjonista bin-nofs fil-kumpannija intimata u rapprezentata fuq il-Bord tad-Diretturi bl-istess poteri u awtorita' daqs l-uniku azzjonist l-iehor."*

Is-sitwazzjoni, fil-kuntest tat-talba odjerna, ma nbidlet bl-ebda mod u ghaldaqstant il-Qorti ma tqisx li s-socjetà rikorrenti rnexxielha tipprova li t-talba ghall-hrug tal-mandat mitlub hija misthoqqa.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tat-23 ta' Frar 2016 u tichad it-talba tal-Avukat Jean-Pie Gauci-Maistre bhala mandatarju specjali tas-socjetà estera Vroon Containers B.V.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

IMHALLEF